MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tat-8 ta' April, 2013

Rikors Numru. 518/2012

**Angelo Fenech**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

Permezz ta’ rikors prezentat fl-24 ta’ Mejju 2012, ir-rikorrent ghamel riferenza ghas-sentenza li nghatat fil-kaz Ir-Repubblika ta’ Malta vs Angelo Fenech fit-3 ta’ April 2012, fejn il-Qorti Kriminali ordnat il-konfiska ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli tar-rikorrent fit-termini tal-paragrafi (a) sa (d) tas-subartikolu 3A tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101, wara li r-rikorrent ammetta li hu hati li kellu fil-pussess tieghu droga cannabis taht cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Eppremetta wkoll li qieghed jitlob ir-rilaxx:-

1. Tad-dar matrimonjali 45, Triq is-Salvja, maghrufa wkoll bhala Triq ir-Rumi, Wied il-Ghajn.
2. L-ghamara li hemm fil-fond.
3. Dghajsa registrata ma' Transport Malta bin-numru S-9499.

Iddikjara wkoll li dan il-gid jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti li ghandu ma' martu Grace Fenech. Spjega wkoll li hu u martu kienu hadu self biex ihallsu l-akkwist tad-dar.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab li l-qorti tirrevoka l-ordni tal-konfiska tal-assi mobiljari u immobiljari tieghu moghtija fit-termini tal-paragrafi (a) sa (d) tas-subartikolu 3A tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 permezz tas-sentenza fuq imsemmija.

Permezz ta' risposta prezentata fit-3 ta' Lulju 2012 l-intimat wiegeb:-

1. Ir-rikorrent ghandu jgieb prova konkreta li l-provenjenza ta' l-oggetti li taghhom qieghed jitlob ir-rilaxx mhix rizultat ta' profit jew dhul mill-ghemil tar-reat li tieghu instab hati, jew proprjeta akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta', xi profitti jew dhul minn dak ir-reat.
2. L-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' l-agir tieghu, u ghalhekk ma ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' din il-procedura.

Permezz ta' din il-procedura l-intimat qieghed jitlob li tigi mhassra l-ordni ta' konfiska ta' immobbli u mobbli u moghtija fit-termini tal-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 22(3A) tal-Kap. 101. Fir-rikors promotur isemmi:-

1. Il-fond matrimonjali li jikkonsisti f'maisonette u garaxx 45, Triq is-Salvja, Triq ir-Rumi, Wied il-Ghajn.
2. L-ghamara li hemm fl-imsemmi fond.

3. Dghajsa li hi registrata ma’ Transport Malta bin-numru S-9499.

Permezz ta’ sentenza li nghatat mill-Qorti Kriminali fit-3 ta’ April 2012 fil-kaz **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Angelo Fenech** (53/2009), ir-rikorrent gie kkundannat tmien snin u nofs prigunerija u multa ta’ €23,000 wara li ammetta li kien hati li kellu l-cannabis fil-pussess tieghu fis-16 ta’ Jannar 2008 u fil-jiem ta’ qabel, u liema pussess kien jidher li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Fis-sentenza l-qorti ddikjarat ukoll:-

*“Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar r-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta mobbli w immobbli ohra tal-hati; izda dan qed isir salv id-dritt spettanti lill-akkuzat taht l-artikolu 22C tal-Kap. 101.”*.

Mill-atti jirrizulta li:-

i. Fil-11 ta’ April 1997 izzewwgu r-rikorrent u Gracie Grech.
ii. Id-dghajsa giet registrata f’isem ir-rikorrent fis-27 ta’ Awissu 2004 (ara fol. 95).
iii. Permezz ta’ kuntratt pubbliku tas-26 ta’ Gunju 1997 pubblikat min-nutar Dr Vanessa Pool il-konjugi Fenech akkwistaw minghand il-Gvern il-fond numru 33 u garaxx, Triq is-Salvja, Zonqor, limiti ta’ Marsascala (fol. 67). Dwar dan il-fond ir-rikorrenti kienu ghamlu konvenju, datata 29 ta’ April 1996 (fol. 65). Mill-atti jirrizulta li l-konjugi Fenech ilhom is-snin jaghmlu pagamenti ghas-self li hadu biex jixtru din il-proprjeta.
iv. L-ghamara li r-rikorrent qieghed jirreferi ghaliha hi dik li hemm fil-fond fuq imsemmi u tikkonsisti f’kamra tas-sodda qadima li tikkonsisti f’sodda, gwardarobba zghira, gradenza, karma tas-sodda qadima tal-kewba, sufan 3 seater, bank tal-kcina zghir tal-injam abjad, mejda tal-plastic u erbgha siggijiet. Ghamara li nghatat lil martu minn familjari taghha.

Wara li l-qorti kellha l-opportunita’ li tisma’ lir-rikorrent u partikolarment lil martu Grace Fenech m’ghandha l-ebda

dubju li dawn l-immobbli m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-akkuza li saret fil-konfront tar-rikorrent. Fil-fatt irrizulta wkoll kif ir-rikorrent u martu kellhom impjieg. Il-qorti taghmel ukoll is-segwenti osservazzjonijiet:-

1. Fis-16 ta' Jannar 2008, ir-rikorrent instab fil-pussess ta' sittax-il blokka cannabis. M'hemmx prova li kien innegozja d-droga u rcieva xi hlas bil-quddiem minghand terzi.
2. L-akkwist tad-dghajsa u d-dar kollha sehhew snin ferm qabel ma nstabet id-droga fil-pussess ta' l-attur.

Il-qorti m'ghandix dubju li l-gid li ssemma hawn fuq ma kienx profit jew dhul mill-eghmil tar-reat li r-rikorrent instab hati u lanqas mhi proprjeta akkwistata jew miksuba permezz ta' xi profitti jew dhul mill-eghmil tar-reat li tieghu nstab hati.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddisponi mir-rikors billi tichad l-eccezzjonijiet u tiddikjara li:-**

**1. Il-proprjeta fuq imsemmija m'hijiex profitt jew dhul mill-eghmil tar-reat li tieghu r-rikorrent instab hati u lanqas mhi proprjeta akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.**

**2. Thassar l-ordni ta' konfiska in kwantu din tolqot il-fond numru 45 (qabel 33), Triq is-Salvja maghrufa wkoll bhala Triq ir-Rumi, Wied il-Ghajn, l-ghamara fuq imsemmija u d-dghajsa registrata ma' Transport Malta bin-numru S-9499.**

**Spejjez a karigu tar-rikorrent gialadarba din il-procedura kien hemm bzonn li ssir minhabba dak li ghamel**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------